Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Novembru 2026
(OR. en)

15995/26
ADD 2

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0134 (COD)

TELECOM 563
MI 1211
ESPACE 191
CSC 756
CODEC 2198

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita li jużaw il-medda ta' frekwenza armonizzata ta' 2 GHz u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 626/2008/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) - Approċċ ġenerali *= Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu*

Il-Lussemburgu talab li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Il-Lussemburgu jixtieq jissottolinja t-tħassib tiegħu dwar ċerti aspetti tal-qafas propost, b'mod partikolari l-Artikoli 6, 9 u 10.

Minħabba n-natura strateġika tas-Servizzi Mobbli Permezz tas-Satellita, huwa essenzjali li l-entità li jkollha d-dritt ta' użu turi wkoll l-għarfien espert, il-kapaċitajiet tekniċi u r-responsabbiltà operazzjonali meħtieġa biex topera u tikkontrolla b'mod effettiv is-sistema satellitari. Id-dispożizzjonijiet fil-verżjoni attwali tad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-mandat propost tal-Kunsill jirriskjaw li tinħoloq separazzjoni bejn l-entità, il-konsorzju jew l-impriża konġunta li jkollha d-dritt ta' użu u l-operatur satellitari responsabbli għall-finanzjament u t-tħaddim tas-sistema satellitari, li potenzjalment jippermetti li jiġu sottokuntrattati responsabbiltajiet kritiċi, inkluż applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet satellitari.

Il-Lussemburgu jixtieq ukoll iqajjem mistoqsijiet dwar il-vijabbiltà prattika u ekonomika tal-qafas propost, b'mod partikolari dwar jekk l-operaturi tan-network satellitari (SNOs) iżommux biżżejjed inċentivi għall-investiment jekk ir-rwol tagħhom ikun limitat għal sottokuntrattur u jekk mudell bħal dan ikunx finanzjarjament sostenibbli fit-tul.

Fl-aħħar nett, il-Lussemburgu jemmen li l-operaturi tan-networks terrestri u satellitari u l-fornituri tas-servizzi huma sħab naturali, li l-kooperazzjoni mill-qrib tagħhom hija meħtieġa sabiex is-Servizzi Mobbli Permezz tas-Satellita jitwasslu b'suċċess lil gruppi ta' utenti differenti fuq skala globali, filwaqt li kull sieħeb ser jiffoka fuq il-qasam speċifiku ta' għarfien espert tiegħu. Sabiex jiġi żgurat li kull utent interessat ikollu aċċess għal dawn is-servizzi, huwa essenzjali li s-servizz satellitari jiġi offrut fuq bażi ġusta, miftuħa u mhux diskriminatorja ġewwa u barra l-Unjoni mill-SNO magħżula. Il-Lussemburgu jenfasizza t-tħassib tiegħu li strument legali vinkolanti applikabbli direttament jista' jwassal għal konċentrazzjoni eċċessiva tas-suq u jagħti lil għadd limitat ta' operaturi ta' networks terrestri kbar u fornituri ta' servizzi kontroll sproporzjonat fuq il-provvista ta' servizzi MSS fil-medda ta' 2 GHz fl-Ewropa.

Il-Lussemburgu jqis li dawn il-kwistjonijiet jistħoqqilhom aktar konsiderazzjoni u jistenna b'interess li jkompli jaħdem b'mod kostruttiv mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, u l-Kummissjoni Ewropea dwar il-kwistjonijiet tekniċi pendenti u l-punti ta' tħassib, bil-ħsieb li jiġi żgurat qafas ibbilanċjat, sostenibbli u li jibqa' validu fil-futur għas-Servizzi Mobbli Permezz tas-Satellita.